# SUBSIDIARY LEGISLATION 363.70

## ORGANISATION OF COURSES (ŻURRIEQ LOCAL COUNCIL) BYE-LAWS

24th May, 2001

*LOCAL COUNCIL BYE-LAW 67/7/2001, as amended by Legal Notice 425 of 2007.*

**1.** The title of these Bye-Laws is the Organisation of Courses (Żurrieq Local Council) Bye-Laws. Citation.

**2.** In these Bye-laws unless the context otherwise requires: Interpretation.

"Act" means the Local Councils Act; Cap. 363.

"Council" means the Żurrieq Local Council;

"course" means a series of structured lessons, lectures, instructions, demonstrations or practical sessions in educational, cultural, sporting, vocational or hand crafts schemes or activities organised by the Council in accordance with the provisions of these Bye-Laws;

"locality" means the Żurrieq locality.

**3.1** The Council may from time to time organise such courses as it deems proper: Organisation of courses.

Provided that the Council may for a valid reason (such as not having the required minimum number of participants), cancel any course which has already been advertised or to discontinue any course which has been commenced.

3.2 Such courses shall be advertised in any manner that the Council deems fit and may be open to adults or children as specified in such advertisement.

3.3 Eligibility for any courses may be subject to such conditions or requirements as may be appropriate.

**4.1** Any person desiring to attend a course shall submit an application on the appropriate form supplied by the Council: Application for courses.

Provided that the Council reserves the right to refuse an application if the applicant does not satisfy any of the requirements which are attached to such course.

4.2 If the number of applications received exceeds the number of available places for a course, priority shall be established as follows:

4.2.1 first priority shall be given to persons registered as voters in the Electoral Register or the Special Register which relate to the locality, and their children:

Provided that in competition between these persons, priority shall be given either to the earlier applicant or if applications are received concurrently,

by lot;

4.2.2 second priority shall be given to persons residing in the locality but not registered to vote, and their children;

4.2.3 third priority shall be given to other applicants.

Fees for attendance.

**5.1** Applications shall be accompanied by the fees established in the Schedule.

5.2 The Council may, in accordance with pre-established criteria, exempt any person or any class of persons from the payment of such fees or part thereof.

5.3 In establishing the fees for a particular course, the Council shall take into consideration all expenses that will be incurred for or in connection with the organisation of all the courses scheduled by the Council.

5.4 The application form shall include the details of applicant, course applied for, serial number, amount paid, receipt number and signature of officer processing the application.

Refund of fees.

**6.1** Fees shall be refunded by the Council in any of the following cases:

6.1.1 if an application is made and the course is not subsequently organised, the full fee;

6.1.2 if the course is discontinued by the Council, that part of the fee as represents the proportion which the remaining number of sessions bears to the total number of sessions in that particular course;

6.1.3 in any other case that may from time to time be established by the Council.

6.2 Any person who discontinues to attend a course or who, for a valid reason is stopped by the Council from attending, shall not be entitled to any refund of fees.

Funding of courses.

**7.** Any surplus balance from the respective nominal accounts shall only be utilised for the further development of other courses or for the organisation of any other activity by the Council for the benefit of persons residing within its locality.

Call for tender.

**8.1** The Council may issue a call for tenders in order to give a contract to any agency, authority, organisation or any other person to organise a course or courses in the Council's name as stipulated in the Schedule.

8.2 When the Council issues a call for tenders, the Council's authorisation has to be by means of a contract according to the regulations and procedures applicable to the Local Councils.

8.3 The Council may on entering the contract mentioned in bye-law 8.2, authorise the contractor to organise those courses authorised to him in writing under the same agreements and conditions stipulated in these Bye-laws, but the contractor cannot charge higher rates other than those stipulated in the Schedule.

SCHEDULE
(Bye-law 5.1)

*Substituted by: L.N. 425 of 2007.*

| Course | Fee |
|---|---|
| Languages ................................................................ | not more than €69.88 |
| Crafts and Hobbies .................................................. | not more than €69.88 |
| Art ........................................................................... | not more than €69.88 |
| Informative Talks .................................................... | not more than €34.94 |
| Outings ................................................................... | not more than €34.94 |
| Summer School ....................................................... | not more than €46.59 |
| Computer ................................................................ | not more than €139.76 |
| Performing Arts ...................................................... | not more than €93.17 |
| First Aid ................................................................. | not more than €34.94 |
| Sports ..................................................................... | not more than €93.17 |

# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 363.70

## *BYE-LAWS* DWAR L-ORGANIZZAZZJONI TA' KORSIJIET (KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ)

24 ta' Mejju, 2001

*KUNSILL LOKALI* BYE-LAW *67/7/2001, kif emendat bl-Avviż Legali 425 ta' l-2007.*

**1.** It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* dwar l-Organizzazzjoni ta' Korsijiet (Kunsill Lokali Żurrieq). Titolu.

**2.** F'dawn il-*Bye-Laws* kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali; Kap. 363.

"kors" tfisser serje ta' lezzjonijiet strutturati, *lectures*, istruzzjonijiet, wirjiet jew sessjonijiet prattiċi fi skemi jew attivitajiet edukattivi, kulturali, sportivi, vokazzjonali jew f'xogħol ta' l-idejn, organizzati mill-Kunsill skond id-disposizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali Żurrieq;

"lokalità" tfisser il-lokalità ta' Żurrieq.

**3.1** Il-Kunsill jista' minn żmien għal żmien jorganizza l-istess korsijiet kif jidhirlu xieraq: Organizzazzjoni ta' korsijiet.

Iżda l-Kunsill jista' għal raġuni valida (bħal meta ma jkunx hemm l-inqas għadd meħtieġ ta' parteċipanti) jħassar xi kors li jkun diġà mħabbar jew ma jkomplix xi kors li jkun inbeda.

3.2 Dawn il-korsijiet jiġu mħabbra b'dik il-manjiera li Kunsill jidhirlu xierqa u jistgħu jkunu miftuħin għall-adulti u għat-tfal skond kif speċifikat f'dak l-avviż.

3.3 Eliġibilità għal dawk il-korsijiet tista' tkun suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet jew rekwiżiti li jkunu xierqa.

**4.1** Kull persuna li tixtieq tattendi xi kors għandha tissottometti applikazzjoni fuq formula apposta mogħtija mill-Kunsill: Applikazzjonijiet għall-korsijiet.

Iżda l-Kunsill iżomm id-dritt li jirnrijuta applikazzjoni kemm-il darba l-applikant ma jkunx jissodisfa xi waħda mir-rekwiżiti marbuta mal-kors.

4.2 Kemm-il darba l-għadd ta' applikazzjonijiet li jidħlu jaqbeż l-għadd ta' postijiet vakanti għal xi kors, tingħata preċedenza skond kif ġej:

4.2.1 l-ewwel prijorità għandha tingħata lil residenti reġistrati bħala votanti fir-Reġistru Elettorali jew fir-Reġistru Speċjali għal-lokalità, u lit-tfal tagħhom:

Iżda f'kompetizzjoni bejn dawn il-persuni, preċedenza tingħata lil min ikun applika l-ewwel jew f'każ li l-applikazzjonijiet ikunu daħlu flimkien, jintgħażlu bix-xorti;

4.2.2 it-tieni prijorità għandha tingħata lill-persuni residenti fil-lokalità iżda mhux reġistrati bħala votanti, u lil uliedhom;

4.2.3 it-tielet prijorità għandha tingħata lil applikanti oħra.

Ħlas għall-attendenza.

**5.1** Ma’ l-applikazzjonijiet għandu jsir il-ħlas stabbilit fl-Iskeda.

5.2 Skond kriterji stabbiliti minn qabel, il-Kunsill jista’ jeżenta lil kull persuna jew klassi ta’ persuni mill-ħlas ta’ dawk id-drittijiet jew parti minnhom.

5.3 Meta l-Kunsill jistabbilixxi d-drittijiet għal xi kors partikolari, huwa għandu jqis l-ispejjeż kollha involuti fih jew marbuta ma’ l-organizzazzjoni tal-korsijiet kollha skedati mill-Kunsill.

5.4 Il-formula ta’ l-applikazzjoni għandu jkun fiha d-dettalji ta’ l-applikant, il-kors li qed issir applikazzjoni għalih, in-numru ta’ l-applikazzjoni, l-ammont imħallas, in-numru ta’ l-irċevuta u l-firma ta’ l-uffiċjal li jipproċessa l-applikazzjoni.

Ħlas lura tad-drittijiet.

**6.1** Il-Kunsill iħallas lura d-drittijiet mħallsa f’xi wieħed mill-każijiet li ġejjin:

6.1.1 meta ssir applikazzjoni u wara l-kors ma jiġix organizzat, jitħallas lura d-dritt sħiħ;

6.1.2 jekk il-kors ma jitkompliex mill-Kunsill, jitħallas lura dak is-sehem mid-dritt daqskemm jirrappreżenta l-proporzjon li l-għadd ta’ sessjonijiet li jifdal ikollu għall-għadd totali ta’ sessjonijiet għal dak il-kors partikolari;

6.1.3 f’kull każ ieħor li jista’ minn żmien għal żmien jiġi stabbilit mill-Kunsill.

6.2 Persuna li ma tkomplix tattendi xi kors jew għal xi raġuni valida tiġi mwaqqfa mill-Kunsill milli tattendi, ma tkunx intitolata għal ebda ħlas lura ta’ xi dritt.

Fond tal-korsijiet.

**7.** Il-bilanċ ta’ flus li jirriżulta min-*nominal accounts* rispettivi għandu jintuża biss fit-tisħiħ ta’ korsijiet oħra jew fl-organizzazzjoni ta’ xi attività oħra mill-Kunsill għall-benefiċċju tar-residenti fil-lokalità tiegħu.

Sejħa pubblika.

**8.1** Il-Kunsill jista’ joħroġ sejħa pubblika sabiex biha jagħti kuntratt lil xi aġenzija, awtorità, organizzazzjoni jew kull persuna oħra biex din torganizza għan-nom tal-Kunsill xi kors jew korsijiet imniżżla fl-Iskeda.

8.2 Meta l-Kunsill joħroġ sejħa pubblika, l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill għandha tkun bil-mezz ta’ kuntratt skond ir-regolamenti u proċeduri applikabbli għal Kunsilli Lokali.

8.3 Fl-għoti tal-kuntratt kif imsemmi fl-ordinament 8.2, il-Kunsill jawtorizza lill-kuntrattur sabiex jagħmel dawk il-korsijiet lilu awtorizzati bil-miktub taħt l-istess pattijiet u kondizzjonijiet stabbiliti f’dawn il-*Bye-Laws*, iżda l-kuntrattur ma jistax jitlob ħlas aktar mid-drittijiet imniżżla fl-Iskeda.

SKEDA

(Ordinament 5.1)

*Sostitwita: A.L. 425 ta' l-2007.*

| Kors | Dritt |
|---|---|
| Lingwi ......................................... | mhux aktar minn €69.88 |
| Artiġjanat u *Hobbies* .................... | mhux aktar minn €69.88 |
| Arti ............................................. | mhux aktar minn €69.88 |
| Taħdidiet Informattivi ................. | mhux aktar minn €34.94 |
| Ħarġiet ......................................... | mhux aktar minn €34.94 |
| Skola Sajf .................................... | mhux aktar minn €46.59 |
| *Computer* .................................... | mhux aktar minn €139.76 |
| *Performing Arts* ........................... | mhux aktar minn €93.17 |
| *First Aid* ...................................... | mhux aktar minn €34.94 |
| Sports .......................................... | mhux aktar minn €93.17 |